MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-5 ta' Marzu, 2004

Talba Numru. 313/2003

**Nahi Houdaifa**

**vs**

**Qianyi Xu**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-6 ta' Frar 2003 fejn gie mitlub li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lill-attur is-somma ta' tlett mija u hamsin lira Maltin (Lm350.00) rapprezentanti prezz ta' merkanzija kkonsenjata lill-konvenuta mill-attur liema konvenuta min-naha taghha kkonsenjat cheque f'isimha tal-HSBC bin-numru 85 lill-attur bhala hlas ghall-istess ammont izda liema cheque ma setax jigi msarraf mill-attur stante li gie 'Refer to Drawer' ghal mill-anqas hames darbiet (Kopja

annessa mal-Avviz u mmarkata bhala Dok. NH1 sa NH2) b'konsegwenza li l-attur baqa' ma thallasx.
Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 21 ta' Jannar 2003 u tal-Mandat ta' Sekwestru prezentat kontestwalment mal-Avviz, u bl-imghaxijiet skond il-ligi mid-data tal-konsenja sad-data tal-pagament effettiv kotnra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-Risposta tal-konvenuta fejn hija eccepiet is-segwenti:-
1. Fl-ewwel lok il-konvenuta tiddikjara illi hija ma titkellimx bil-Malti, izda tikellem u tifhem bil-lingwa Ngliza u ghalhekk qeghda tipprevalixxi ruhha mid-disposizzjonijiet tal-Att dwar Proceduri Gudizzjarji (Uzu tal-Ilsien Ingliz) – Kap. 189 tal-Ligijiet ta' Malta u titlob bir-rispett illi l-proceduri isiru bil-lingwa Ngliza ai termini tal-Artikolu 335 tal-Att Dwar Tribunal Ghal Talbiet Zghar – Kap. 380 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. It-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjes kontra l-istess attur stante li assolutament mhux minnu illi l-attur ikkonsenja xi merkanzija lill-konvenuta, u inoltre, l-ammont minnu pretiz kien jirreferi ghal kuntratti illegali illi ma jistghux jigu nforzati skond il-ligi, kif jista' jigi pruvat fit-trattazzjoni tal-kawza.

Sema' x-xhieda tal-attur, ta' Censina Houdaifa u ta' Patrick Cassar. Ha konjizzjoni tal-affidavit tal-konvenuta, tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti mill-partijiet.

Sema' t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra:

Illi permezz tal-kawza odjerna l-attur qed jitlob il-hlas tal-ammont ta' Lm350.00 rapprezentanti prezz ta' merkanzija konsistenti f'ggieget tal-gilda mibjugha u kkonsenjati minnu lill-konvenuta. L-attur jghid li l-konvenuta kient harget cheque f'dan l-ammont izda l-imsemmi cheque ma

giex onorat peress li l-konvenuta ma kellhiex fondi fil-kont. Dan ic-cheque jinsab esebit a fol. 24 tal-process.

Il-konvenuta min-naha l-ohra ssostni li qatt ma giet konsenjata lilha merkanzija mill-attur u tispjega li hija kienet harget ic-cheque fl-ammont ta' Lm350.00 bhala pagament ta' kummissjoni li talabha l-attur talli laqqa' lil habiba taghha ma' ragel Malti bl-iskop li jizzewgu. Il-konvenuta xehdet li hija saret taf lill-attur meta huwa kien laqqaghha ma' Patrick Cassar bl-iskop li tizzewgu sabiex tottjeni ic-cittadinanza Maltija u talabha thallsu kummissjoni ta' Lm500.00. Hija filf-att hekk ghamlet u wara li zzewget lil Cassar dan tal-ahhar irrinunzja ghal kummissjoni lilu dovuta. Il-konvenuta tghid li hiija ghalhekk talbet lill-attur sabiex jirrifondilha lura parti mill-Lm500.00 li kienet halsitu. Dan tal-ahhar staqsiha jekk kienitx interessata li totjeni passaport Malti u qalilha li huwa kien ser izomm il-bilanc mill-Lm500.00 ghal dan l-iskop. Il-konvenuta tghid lil-attur qatt ma ootjenilha passaport Malti. Hija ssostni wkoll li kienet hadet habiba taghha sabiex l-attur isib xi hadd li jizzewigha u l-attur kien talab kummissjoni ta' Lm350.00 u peress li l-habia taghha ma kellhiex flus spiccat biex harget cheque hi izda sussegwentement ghalqet il-kont taghha mal-HSBC sabiex ic-cheque ma jigix imsarraf u dan anki ghaliex l-attur ma kienx irrifondilha l-bilanc mill-Lm350.00 u l-anqas ma kien ottjenilha passapport Malti.

It-Tribunal gie rinfaccjat b'zewg verzjonijet djametrikalment opposti dwar ir-raguni il-ghala inhareg ic-cheque fl-ammont ta'' Lm350.00 mill-konvenuta u pagabbli lill-attur. L-atttur issotni li dan ic-cheque inhareg bhala pagament ta' prezz ta' merkanzija mixtrija mill-konvenuta mill-hanut tieghu il-Furjana tul perijodu ta' zmien. Huwa jghid li kien jikkoncedi kreditu lill-konvenuta u hija kien ghad jonqosha thallsu dan il-bilanc ta' Lm350.00. Huwa principju fondamentali tad-dritt nostran li min jallega jrid jipprova. L-attur jallega li huwa biegh u kkonsenja merkanzija lill-konvenuta 'on credit' izda ma gab ebda prova li effettivament huwa kkonsenja xi merkanzija lill-konvenuta. L-unika prova kienet ic-cheque mahrug mill-konvenuta li ma giex onorat izda l-konvenuta

ssotni fir-rigward li dan il-pagament kien jirreferi ghal kummissjoni kif hawn fuq spjegat u mhux bhala pagament ta' prezz ta' merkanzija peress li qatt ma xtrat ebda merkanzija minghand l-attur. L-attur ma gabx prova tal-konsenja, bhal per ezempju delivery note jew xi forma ta' dokument li jindika li huwa kien ikkonsenja xi merkanzija lill-konvenuta u li hija kien ghad jonqosha thallsu bilanc tal-prezz tal-istess merkanzija. Inoltre mart l-attur stess xehdet li hi u zewgha rarament kienu jbieghu 'on credit' u kienu jaghmlu hekk biss fl-eventwalita' li jkunu jafu sew lix-xerrej, meta jkunu qed jinbieghu affarijiet zghar u jkunu jafu fejn jahdem ix-xerrej. It-Tribunal isibha ghalhekk difficli jemmen li l-attur accetta li jbiegh u jikkonsenja merkanzija lill-konvenuta minghajr ma geghla tiffirma xi dokument li kien jindika li hija kienet debitrici lejh ghal prezz ta' dik il-merkanzija.

It-Tribunal huwa tal-fehma li fic-cirkostanzi l-attur ma rnexxilhux jipprova t-talba tieghu fuq bilanc ta' probabiltajiet u ghalhekk it-tlaba tieghu ser tigi michuda.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad it-talbiet attrici bl-ispejjes jithallsu nterament mill-attur

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------